

Brussell, 26 ta' Mejju 2026
(OR. en)

9701/26

EF 160
ECOFIN 674

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 3226 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'21.5.2026 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istandards tekniċi regolatorji għall-istabbiliment ta' kodiċi ta' kondotta tal-UE għar-riċerka sponsorjata mill-emittent

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 3226 final.

Mehmuż: C(2026) 3226 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 21.5.2026
C(2026) 3226 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'21.5.2026

li jissupplimenta d-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istandards tekniċi regolatorji għall-istabbiliment ta' kodiċi ta' kondotta tal-UE għar-riċerka sponsorjata mill-emittent

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Ir-riċerka dwar l-investment hija essenzjali biex tipprovdi viżibbiltà lill-investituri dwar il-kumpaniji, b'mod partikolari kumpaniji iżgħar, biex tinforma d-deċiżjonijiet ta' investment tagħhom. Sal-lum, il-livell ta' kopertura, mir-riċerka dwar l-investment, tal-kumpaniji, inklużi l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs, small and mid-sized enterprises), għadu baxx fl-UE. Minkejja l-emendi għad-Direttiva 2014/65/UE¹ ("MiFID II") introdotti bid-Direttiva (UE) 2021/338² ("il-pakkett għall-irkupru tas-swieq kapitali") għall-inkoraġġiment tal-iżvilupp ta' aktar riċerka dwar l-SMEs, ir-riċerka dwar l-investment fl-UE kompliet tonqos. Għal din ir-raġuni, id-Direttiva (UE) 2024/2811³ (parti mill-pakkett tal-"Att dwar l-Elenkar") emendat il-MiFID II biex tkompli tteġġeg l-użu tar-riċerka billi (i) toffri aktar flessibbiltà fil-mod kif id-ditti tal-investment jistgħu jħallsu għal servizzi ta' riċerka u eżekuzzjoni tal-investment u (ii) tippromwovi l-produzzjoni ta' riċerka dwar l-investment sponsorjata mill-emittent ta' kwalità għolja (jiġifieri, riċerka dwar l-investment imħallsa mill-kumpaniji). Sa issa, ir-riċerka dwar l-investment sponsorjata mill-emittent ma żviluppax fl-UE minħabba li ma ġietx ikkunsidrata bħala oġġettiva biżżejjed. Dan huwa dovut għar-riskju li l-kunflitti ta' interess bejn il-kumpaniji koperti mir-riċerka u l-fornituri ta' tali riċerka ma jiġux ġestiti kif suppost.

Id-Direttiva (UE) 2024/2811 tagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji (RTSs, regulatory technical standards) żviluppata mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA, European Securities and Markets Authority) għal kodiċi ta' kondotta tal-UE għar-riċerka sponsorjata mill-emittent⁴. L-għan ta' dawk l-RTSs huwa li jinkoraġġixxu dipendenza usa' fuq riċerka ta' kwalità għolja sponsorjata mill-emittent, filwaqt li jinstab il-bilanċ it-tajjeb bejn ir-regolamentazzjoni u t-tneħħija tal-ostakli għall-emittenti.

L-RTSs jirrikjedu li d-ditti tal-investment, qabel ma jużaw riċerka sponsorjata mill-emittent jew iqassmuha lill-klijenti tagħhom, l-ewwel jivvalutaw jekk tali riċerka ġietx prodotta f'konformità mar-regoli tal-kondotta tal-operazzjonijiet tal-UE (il-kodiċi ta' kondotta tal-UE għar-riċerka sponsorjata mill-emittent). L-RTSs jiżguraw ukoll li t-tikketta "riċerka sponsorjata mill-emittent" tintuża biss għar-riċerka dwar l-investment imħallsa mill-kumpanija kkonċernata minn dik ir-riċerka u mħejjija f'konformità mal-kodiċi ta' kondotta tal-UE għar-riċerka sponsorjata mill-emittent.

L-RTSs jispeċifikaw l-informazzjoni li d-ditti tal-investment jenħtieġ li jiksbu meta jużaw riċerka sponsorjata mill-emittent jew jipprovduha lill-klijenti tagħhom, sabiex ikunu jistgħu jivvalutaw tali riċerka. Tali informazzjoni u valutazzjoni għandhom ikopru b'mod partikolari:

¹ Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (riformulazzjoni) (ĠU L 173 12.6.2014, p. 349. ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2014/65/oj>).

² Id-Direttiva (UE) 2021/338 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2021 li temenda d-Direttiva 2014/65/UE fir-rigward ta' rekwiżiti ta' informazzjoni, governanza tal-prodotti u limiti ta' pożizzjoni, u d-Direttivi 2013/36/UE u (UE) 2019/878 fir-rigward tal-applikazzjoni tagħhom għad-ditti tal-investment, għas-sostenn tal-irkupru mill-kriżi tal-COVID-19 (ĠU L 68, 26.2.2021, p. 14. ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2021/338/oj>).

³ Id-Direttiva (UE) 2024/2811 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2024 li temenda d-Direttiva 2014/65/UE biex tagħmel is-swieq kapitali pubbliċi fl-Unjoni aktar attraenti għall-kumpaniji u biex tiffaċilita l-aċċess għall-kapital għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u li tħassar id-Direttiva 2001/34/KE (ĠU L, 2024/2811, 14.11.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2024/2811/oj>).

⁴ [ESMA35-335435667-5921 - Consultation Paper on RTS on Code of conduct for issuer-sponsored research.pdf](https://www.esma.europa.eu/press-material/consultation-papers/consultation-paper-on-RTS-on-code-of-conduct-for-issuer-sponsored-research)

- il-miżuri u l-arranġamenti organizzattivi stabbiliti mill-fornituri ta' riċerka sponsorjata mill-emittent biex jiġi żgurat li l-kunflitti ta' interess jiġu ġestiti kif xieraq u li r-riċerka sponsorjata mill-emittent tiġi prodotta b'indipendenza u oġġettività adegwati, f'konformità mar-regoli applikabbli għar-riċerka li ma tkunx sponsorjata mill-emittent;
- l-informazzjoni dwar jekk ir-riċerka sponsorjata mill-emittent tiffallaxx parzjalment jew kompletament mill-emittent u l-perċentwal ta' dħul li r-riċerka tiġġenera għall-fornitur tagħha;
- l-informazzjoni dwar ir-relazzjoni bejn l-emittent u l-fornitur tar-riċerka sponsorjata mill-emittent, u d-durata tagħha, inklużi l-kundizzjonijiet ta' terminazzjoni u r-remunerazzjoni;
- l-informazzjoni dwar jekk ir-riċerka sponsorjata mill-emittent issirx pubblika;
- l-informazzjoni dwar jekk ir-riċerka sponsorjata mill-emittent imħejjija f'konformità mal-kodiċi ta' kondotta tal-UE tkunx ikklassifikata kif xieraq bħala tali.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

L-ESMA wettqet konsultazzjoni pubblika dwar il-kontenut ta' kodiċi ta' kondotta tal-UE għar-riċerka sponsorjata mill-emittent⁵, filwaqt li qieset kwalunkwe kodiċi ta' kondotta nazzjonali eżistenti għar-riċerka sponsorjata mill-emittent. Għal dak l-għan, l-ESMA identifikat kodiċi ta' kondotta eżistenti uniku żviluppat fi Franza taħt l-isem ta' "Karta ta' prattiki tajbin dwar ir-riċerka sponsorjata".

Il-konsultazzjoni saret mit-18 ta' Diċembru 2024 sat-18 ta' Marzu 2025. L-ESMA rċeviet total ta' 30 tweġiba. Fit-22 ta' Ottubru 2025, l-ESMA ppreżentat lill-Kummissjoni r-rapport finali tagħha dwar l-RTSs għall-istabbiliment ta' kodiċi ta' kondotta tal-UE għar-riċerka sponsorjata mill-emittent⁶. L-ESMA wettqet ukoll analiżi tal-kostijiet-benefiċċji, li ġiet inkluża fir-rapport finali flimkien mal-eżitu tal-attivitajiet ta' konsultazzjoni.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

- L-Artikolu 1 jintroduċi definizzjonijiet ġodda ta' "riċerka sponsorjata mill-emittent", "analista tar-riċerka" u "fornitur tar-riċerka".
- L-Artikolu 2:
 - (i) jistabbilixxi l-obbligu għal ditta tal-investment li tikseb informazzjoni biex tivvaluta l-konformità tar-riċerka kklassifikata bħala riċerka sponsorjata mill-emittent mal-kodiċi ta' kondotta tal-UE stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament;
 - (ii) jipprojbixxi lid-ditti tal-investment milli jiddistribwixxu riċerka kklassifikata bħala riċerka sponsorjata mill-emittent jekk ma tinkisibx l-informazzjoni meħtieġa għall-valutazzjoni tal-konformità tagħha mal-kodiċi ta' kondotta tal-UE għar-riċerka sponsorjata mill-emittent;

⁵ [ESMA35-335435667-5921 - Consultation Paper on RTS on Code of conduct for issuer-sponsored research.pdf](#)

⁶ [ESMA35-335435667-6537 Final Report on Draft regulatory technical standards for the establishment of an EU code of conduct for issuer-sponsored research](#)

- (iii) jispeċifika kif id-ditti tal-investment jistgħu jivvalutaw il-konformità tar-riċerka sponsorjata mill-emittent mal-kodiċi ta' kondotta tal-UE, meta jiddependu minn parti terza.
- L-Artikolu 3 jiddikjara meta dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ u meta jibda japplika.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'21.5.2026

li jissupplimenta d-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istandards tekniċi regolatorji għall-istabbiliment ta' kodiċi ta' kondotta tal-UE għar-riċerka sponsorjata mill-emittent

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE⁷, u b'mod partikolari l-Artikolu 24(3c) tagħha,

Billi:

- (1) Sabiex jiġi żgurat ir-rikonoxximent tat-tikketta ta' riċerka sponsorjata mill-emittent u l-affidabbiltà tar-riċerka sponsorjata mill-emittent, il-kodiċi ta' kondotta tal-UE għar-riċerka sponsorjata mill-emittent jintroduċi definizzjoni armonizzata għar-riċerka sponsorjata mill-emittent, li tillimita l-użu ta' dik it-tikketta għar-riċerka dwar l-investment li l-kumpanija kkonċernata tkun ħallset kompletament jew parzjalment għaliha u li tikkonforma mal-kodiċi ta' kondotta tal-UE għar-riċerka sponsorjata mill-emittent. Id-definizzjoni teskludi kull kummentarju dwar in-negozjar u servizzi personalizzati oħra ta' konsulenza dwar il-kummerċ intrinsikament marbuta mal-eżekuzzjoni ta' tranżazzjoni fi strumenti finanzjarji billi ma jikkostitwixxux rakkomandazzjoni ta' investment kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (35), tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸.
- (2) Sabiex jiġi żgurat li r-riċerka sponsorjata mill-emittent tippreżenta rakkomandazzjoni indipendenti, oġġettiva u affidabbli dwar il-valur jew il-prezz tal-istrumenti finanzjarji, jenħtieġ li d-ditti tal-investment, li jużaw riċerka sponsorjata mill-emittent jew jipprovduha lill-klijenti tagħhom, jiżguraw li tali riċerka tiġi prodotta f'konformità mal-kodiċi ta' kondotta tal-UE għar-riċerka sponsorjata mill-emittent. Meta jagħmlu dan, jenħtieġ li jivvalutaw jekk il-kunflitti ta' interess bejn l-emittent li jħallas għar-riċerka u l-fornitur tar-riċerka sponsorjata mill-emittent ikunux ġestiti b'mod effettiv u li ma jaffettwawx b'mod negattiv l-interessi tal-investituri. B'mod partikolari, jenħtieġ li d-ditti tal-investment jivverifikaw jekk il-fornitur tar-riċerka sponsorjata mill-emittent ikollux politika dwar il-kunflitt ta' interess li tippermettilu jidentifika, jipprevjeni, jimmaniġġja u jiddivulga b'mod effettiv il-kunflitti ta' interess.
- (3) Il-fiduċja fil-kwalità u fl-oġġettività tar-riċerka sponsorjata mill-emittent hija essenzjali biex terġa' tingħata l-ħajja lill-kopertura tar-riċerka tal-kumpaniji, b'mod

⁷ ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349. ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2014/65/oj>

⁸ Ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-abbuż tas-suq (Regolament dwar l-abbuż tas-suq) u li jħassar id-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kummissjoni 2003/124/KE, 2003/125/KE u 2004/72/KE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2014/596/oj>)

partikolari l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs). Sabiex jiġi żgurat li l-investituri jkun u jistgħu jżviluppaw fiduċja fir-riċerka sponsorjata mill-emittent debitament ikklassifikata, jenħtieġ li d-ditti tal-investment ma jużawx jew ma jgassmux lill-klijenti tagħhom riċerka sponsorjata mill-emittent li ma jkunux jistgħu jivvalutaw il-kwalità tagħha. Jenħtieġ li d-ditti tal-investment jivverifikaw li l-fornitur tar-riċerka sponsorjata mill-emittent ikollu fis-seħħ arranġamenti organizzattivi adegwati, ekwivalenti għal dawk meħtieġa għar-riċerka skont ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni 2017/565⁹. Sabiex jiġi evitat impatt negattiv fuq il-kwalità tar-riċerka minħabba n-natura sponsorjata tagħha, jenħtieġ li r-relazzjoni bejn l-analista tar-riċerka, il-fornitur tar-riċerka u l-emittent tiġi speċifikata b'mod ċar u tkun trasparenti għall-utenti tar-riċerka.

- (4) Sabiex ikun hemm flessibilità fil-mod kif id-ditti tal-investment jivvalutaw ir-riċerka sponsorjata mill-emittent, id-ditti tal-investment jistgħu jiddependu fuq opinjoni minn parti terza indipendenti, inkluż awditur estern, dwar jekk ir-riċerka sponsorjata mill-emittent ġietx prodotta f'konformità mal-kodiċi ta' kondotta tal-UE. Sabiex jiġi ssimplifikat il-proċess ta' konformità, id-ditti tal-investment jistgħu jqisu l-istatus regolat tal-fornitur tar-riċerka sponsorjata mill-emittent meta tkun ditta tal-investment awtorizzata skont id-Direttiva 2014/65/UE li tikkonforma ma' dan ir-Regolament meta tipproduċi r-riċerka sponsorjata mill-emittent. Fil-każijiet kollha, id-ditti tal-investment jibqgħu responsabbli biex jżguraw li l-obbligi tagħhom skont l-Artikolu 24(3a), 24(3b) u 24(3e) tad-Direttiva 2014/65/UE jiġu ssodisfati.
- (5) Sabiex tissaħħaħ il-kopertura tar-riċerka tal-SMEs, jenħtieġ li l-fornitur tar-riċerka jagħmel disponibbli għall-investituri kollha r-riċerka sponsorjata mill-emittent u kull aġġornament wara avveniment materjali li jkollu impatt fuq l-emittent, meta l-emittent iħallas għaliha kompletament. Ir-riċerka li tiffallas parzjalment mill-emittent tista' tkun limitata għall-investituri li kkontribwew għall-pagament għal dik ir-riċerka, jew b'mod indefinit jew għal perjodu miftiehem kuntrattwalment bejn il-fornitur tar-riċerka sponsorjata mill-emittent u l-emittent.
- (6) Sabiex tiġi żgurata l-integrità tas-swieq finanzjarji fl-UE u jissaħħu l-protezzjoni tal-investituri u l-fiduċja f'dawk is-swieq, jenħtieġ li jiġi speċifikat li r-riċerka sponsorjata mill-emittent ikun fiha rakkomandazzjonijiet dwar l-investment, kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (35), tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁰. Għalhekk, ir-riċerka jenħtieġ li tikkonforma mar-rekwiżiti għar-rakkomandazzjonijiet dwar l-investment stabbiliti f'dak ir-Regolament u fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/958¹¹. B'mod partikolari, l-obbligu għall-persuni li jipproduċu jew ixerrdu rakkomandazzjonijiet ta' investment li jippreżentaw rakkomandazzjonijiet b'mod oġġettiv u li jiddivulgaw il-kunflitt ta' interess li jikkonċerna l-istrumenti finanzjarji li magħhom hija relatata r-

⁹ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/565 tal-25 ta' April 2016 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward rekwiżiti organizzazzjonali u kundizzjonijiet għall-operat għal ditti tal-investment u termini definiti għall-finijiet ta' dik id-Direttiva (ĠU L 87, 31.3.2017, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2017/565/oj).

¹⁰ Ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-abbuż tas-suq (Regolament dwar l-abbuż tas-suq) u li jħassar id-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kummissjoni 2003/124/KE, 2003/125/KE u 2004/72/KE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2014/596/oj>).

¹¹ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/958 tad-9 ta' Marzu 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar standards tekniċi regolatorji għall-arranġamenti tekniċi għal preżentazzjoni oġġettiva ta' rakkomandazzjonijiet ta' investment jew informazzjoni oħra li tirrakkomanda jew tissuġġerixxi strateġija ta' investment, kif ukoll għad-divulgazzjoni ta' interessi partikolari jew indikazzjonijiet ta' kunflitti ta' interess (ĠU L 160, 17.6.2016, p. 15, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2016/958/oj).

rakkomandazzjoni jenħtieġ li japplika wkoll fil-kuntest ta' riċerka sponsorjata mill-emittent, f'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) Nru 596/2014.

- (7) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji ppreżentat lill-Kummissjoni mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA). L-ESMA, f'konformità mal-mandat tagħha, qieset il-kontenut u l-parametri tal-kodiċi ta' kondotta Franċiż għar-riċerka sponsorjata mill-emittent li għe identifikat mill-ESMA bħala l-uniku kodiċi ta' kondotta approvat u rrispettat b'mod wiesa', fil-livell nazzjonali.
- (8) L-ESMA wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji li fuqhom huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Konċernati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010¹²,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "riċerka sponsorjata mill-emittent" tfisser riċerka mħallsa, kompletament jew parzjalment, minn emittent u prodotta f'konformità mal-kodiċi ta' kondotta tal-UE stabbilit b'dan ir-Regolament, kif imsemmi fl-Artikolu 24 (3b) tad-Direttiva 2014/65/UE;
- (2) "analista tar-riċerka" tfisser persuna li tipproduċi s-sustanza tar-riċerka sponsorjata mill-emittent;
- (3) "fornitur tar-riċerka" tfisser entità li tipproduċi riċerka sponsorjata mill-emittent.

Artikolu 2

Valutazzjoni tal-konformità tar-riċerka sponsorjata mill-emittent mal-kodiċi ta' kondotta tal-UE

1. Id-ditti tal-investment għandhom jiksbu mingħand il-fornituri tar-riċerka l-informazzjoni kollha meħtieġa biex jivvalutaw jekk ir-riċerka kklassifikata bħala "riċerka sponsorjata mill-emittent" tkunx prodotta f'konformità mal-kodiċi ta' kondotta tal-UE stabbilit fl-Anness.
2. Meta ditta tal-investment ma jkollhiex biżżejjed informazzjoni biex tiżgura li r-riċerka kklassifikata bħala riċerka sponsorjata mill-emittent tiġi prodotta f'konformità mal-kodiċi ta' kondotta tal-UE għar-riċerka sponsorjata mill-emittent, id-ditta tal-investment ma għandhiex tqassam lill-klijenti jew lill-klijenti potenzjali riċerka kklassifikata bħala "riċerka sponsorjata mill-emittent".
3. Għall-finijiet li jiġi żgurat li r-riċerka sponsorjata mill-emittent tiġi prodotta f'konformità mal-kodiċi ta' kondotta tal-UE għar-riċerka sponsorjata mill-emittent, ditta tal-investment tista' tqis:

¹²

Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2010/1095/oj>).

- (a) il-valutazzjoni u l-opinjoni ta' kwalunkwe parti terza indipendenti maħtura mill-fornitur tar-riċerka; jew
- (b) meta l-fornitur tar-riċerka jkun ditta tal-investment li tipproduċi riċerka sponsorjata mill-emittent, il-fatt li d-ditta tal-investment tkun entità rregolata soġġetta għal dan ir-Regolament.

Fil-każijiet kollha, id-ditta tal-investment għandha tibqa' responsabbli għall-konformità mal-obbligi tagħha skont l-Artikolu 24 (3a), (3b) u (3e) tad-Direttiva 2014/65/UE.

Artikolu 3
Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 21.5.2026

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN